# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 689/00**

**Numru 37**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, ga' Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Stephen Scerri u f'ismu proprju.**

**vs**

**Leonard Grixti**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm262 (mitejn u tnejn u sittin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura KBB 452 assikurata comprehensive hlief ghall-Lm100 (mitt lira Maltin) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Stephen Scerri u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-5 ta' Dicembru 1998, go Regional Road, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura ATY 013 l-konvenut habat mal-vettura KBB 452 proprieta' ta' Stephen Scerri u misjuqa mill-konvenut, u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz kontra GasanMamo Insurance Agency Ltd assiguraturi tal-konvenut Leonard Grixti u bl-imghax tat-8% fuq Lm262 mid-data tal-avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Dicembru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm162.00,0 u lil Stephen Scerri is-somma ta' Lm100 bl-imghax legali mit-23 ta' Mejju 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 2000 u tat-23 ta' Mejju 2000 msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg